**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2016

Rikors numru : 443/2015 AL

AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 (tnejn u ghoxrin ) ta' Lulju 1989 (elf disa` mija u disa` u tmenin), skont l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, li attwalment wiehed biss huwa minorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Henri J. Vassallo datat 17 (sbatax) ta' Settembru 2013 (elfejn u tlettax), kopja ta' dan il-kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B, u jiddikjaraw u jikkonfermaw li huma

ilhom separati *de facto* ghal oltre erba` snin, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi ma jezisti ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra t-trapass taz-zmien minn meta l-partijiet ilhom separati, illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi rigward manteniment fil-konfront tal-minuri, il-partijiet jiddikjaraw li ma hemm l-ebda pendenzi f'dan ir-rigward, u huma dejjem ikkontribwew ghal htigijiet tal-istess minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq citati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghal otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 165 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu in vista tal-premess lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
(2) Tordna lid-Didrettur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali divorzju, u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2015;

Semghet liz-zewg rikorrenti jikkonfermaw ir-rikors promotur bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw

illi ilhom legalment separati mis-17 ta’ Setttembru 2013 u ilhom de facto separati minn ghal minn lanqas erba’ snin f’dawn l-ahhar hames snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.